31 ta' Jannar, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Stella Bugeja *versus* Rosina Bugeja

**Inġurja — Minaċċja — Kompensazzjoni.**

*Biex ikun hemm kompensazzjoni ta' l-inġurji hemm bżonn li ikun hemm ċerta proporzjoni bejn l-inġurji rispettivi; imma ma hemmx bżonn li jkun hemm ekwipollenza perfetta.*

*Il-minaċċja ma titlefx mis-serjetà tagħha billi tkun kondizzjonata.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 ta' Novembru 1948, l-imsemmija Rosina Bugeja ġiet misjuba ħatja ta' inġurja u minaċċja għad-dannu tal-kwerelanti; iżda ġie applikat favur tagħha l-art. 23 Kap. 12. Ġiet kundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Il-kwerelata appellat kontra dina d-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat dan l-appell, dina l-Qorti kkunsidrat;

In kwantu għall-inġurji, jirriżulta li tant waħda kemm l-oħra qalu kliem offensiv, b'mod li kien hemm kompensazzjoni. Għalbiex ikun hemm kompensazzjoni hemm bżonn li jkun hemm ċerta proporzjon bejn l-inġurji rispettivi, imma ma hemmx bżonn, skond il-kriterji paċifiċi fid-dottrina, ekwipollenza perfetta. F'dana l-każ mhux talli kien hemm proporzjon, imma anzi dina *l-proporzjon tirrażenta* l-ekwipollenza;

Kwantu għall-minaċċja, dina rriżultat. Il-kwerelata qalet lill-kwerelanti......... dawn il-kliem :— "Naqbdek minn xagħrek, inkaxxrek ma' l-art, u ngħaffġek fit-tajn". Anki jekk il-kwerelata kkondizzjonat il-minaċċja tagħha għall-eventwalità li l-kwerelanti tgħid man-nies xi ħaġa fuqha, b'daqshekk il-minaċċja ma titlefx mis-serjetà tagħha, anki għar-raġuni li min jimminaċċja jista' dejjem jassumi arbitrarjament li l-kondizzjoni vverifikat ruħha, u jgħaddi għall-fatt minaċċjat, mingħajr ma l-minaċċjat ikollu l-opportunità li jiġġustifika ruħu u li jevita l-konsegwenzi tal-minaċċja;

Għalhekk dina l-Qorti tilqa' l-appell fis-sens biss li tiddikjara lill-kwerelata mhux ħatja ta' l-inġurja, imma biss ta' minaċċja, u fis-sens li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs. Jibqa' applikat l-art. 23 Kap. 12, Onorarju tad-difensuri..........